MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1315/2002

Kawza fil-lista: 36

**A B, f' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri binha C B**
**vs**
**D B, E F u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-attrici hija legalment separata minn mal-konvenut D B ghal dawn l-ahhar snin;

Premess illi pendente lite l-kawza tas-separazzjoni personali ta' l-attrici mal-konvenut D B, l-attrici kellha relazzjoni intima mal-konvenut E F;

Premess illi minn din ir-relazzjoni twieled bin l-attrici, l-minuri C;

Premess illi dakinhar l-attrici kienet ghadha mhux legalment separata minn mal-konvenut D B u kwindi binha C twieled meta hija kienet ghadha mizzewga ma' l-istess konvenut u ghaldaqstant il-konvenut B gie rikonoxxut bhala missier C awtomatikament;

Premess illi l-konvenut D B m' huwiex il-missier naturali tal-minuri C u ghalhekk jehtieg li l-paternita' tal-minuri tigi determinata defenittivament minn din l-Onorabbli Qorti;

Premess illi jehtieg ukoll li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fuq l-att ta' twelid tal-minuri C billi kull fejn ikun hemm indikat isem u kunjom il-konvenut D B bhala l-missier naturali tieghu, dan jigi mhassar u sostitut b' isem il-konvenut E F;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut D B m' huwiex il-missier naturali tal-minuri C B;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut E F huwa l-missier naturali tal-minuri C B;

3. Tordna li jsiru dawk il-korrezzjonijiet kollha opportuni fuq l-att tat-twelid ta' C B billi kull fejn hemm indikati isem u kunjom il-konvenut D B dawn jigu mhassra u sostitwiti b' isem u kunjom il-konvenut E F kif ukoll kull fejn hemm indikat il-kunjom B wara isem C, dan jithassar u jigi sostitwit b' F;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi fil-mertu f' dan l-istadju l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ghas-success ta' l-azzjoni odjerna tinhtieg il-prova ta' l-impossibilta' fizika ta' koabitazzjoni bejn il-konjugi A B u D B fil-perjodu tal-probabli koncepiment tal-minuri C B.

3. Illi bla pregudizzju, f' kaz li t-talbiet jigu allokati, ghandhom jigu specifikati n-numru ta' l-Att tat-Twelid in kwistjoni u d-dettalji personali tal-konvenut E F.

4. Oltre dan, u wkoll bla pregudizzju, f' kaz li jintlaqghu t-talbiet attrici, l-istess E F ghandu jigi dikjarat bhala "missier illegittimu", kif ukoll ghandhom jigu kkancellati l-kliem "the said" mill-kolonna li tirreferi ghad-dettalji ta' l-omm A B.

5. Illi in vista tal-fatt li c-cirkostanzi li taw lok ghal talba ghal korrezzjoni fl-Att tat-Twelid huma ghal kollox estranei lill-esponent huwa m' ghandux jigi soggett ghal-ispejjez ta' l-istanti.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati u l-listi tax-xhieda ta' dawn il-partijiet;

Rat in-nota guramentata prezentata mill-konvenut E F li biha ammetta t-talbiet attrici;

Rat li l-konvenut D B, debitament notifikati ghazel li jibqghu kontumaci;
Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li l-minuri C B mhuwiex il-

wild naturali tal-konvenut D B, izda huwa l-wild naturali tal-konvenut E F; u talbet il-korrezzjoni relattiva fl-Att tat-Twelid tal-minuri, bin-numru 647/98.

Ghalhekk l-azzjoni odjerna hija bazata fuq id-dispsot tal-Artikolu 77 tal-Kodici Civili li jiddisponi li l-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi impunjata wkoll minn kull persuna interessata jekk din tipprova li fil-perijodu indikat fl-istess Artikolu r-ragel kien "fl-impossibilita' fisika li jghammar ma' martu minhabba li kien boghod minnha".

F' dan l-istadju u b' referenza ghal valur probatorju tal-prova genetika f' kazijiet konsimili bazati fuq id-dispost tal-Artikolu 77, il-Qorti taghmel referenza ghal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fis-sentenza *PA[PS] Anna Zammit vs Carmelo Zammit et noe* deciza fit-28 ta' Frar 2003.

Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici A B, wara li sseparat de facto minn ma' zewgha l-konvenut D B, bdiet il-proceduri ghas-separazzjoni personali. F' dak iz-zmien hija kienet tghix ma' ommha. Xi sena u nofs wara li nfirdet minn ma' zewgha, l-attrici bdiet relazzjoni mal-konvenut E F u marret tghix mieghu fis-sena 1997, u minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri C fid-29 ta' Jannar 1998 li gie registrat fuq l-Att tat-Twelid tieghu fuq zewg l-omm.

L-attrici tikkonferma li hija ma kellha x' taqsam ma hadd ghajr mal-konvenut E F, u "niddikjara bl-aktar mod cert li kont ilni mill-inqas sena u nofs ma nghix, inkellem u norqod ma' zewgi D B." [fol.26]

Il-minuri C illum ghandu sitt snin u l-imsemmi E F ghadu jghix ma' l-attrici.

Illi rizultat ta' testijiet tad-DNA li saru minn kampjuni mehudin minn fuq il-persuna tal-minuri kif ukoll tal-konvenut E F, jikkonferma l-versjoni attrici li l-minuri fil-fatt huwa l-wild naturali ta' E F u mhux ta' D B; u ghalhekk tinsab esklusa b' certezza assodanti l-*preteza favor legittimatis* krejata bl-att tat-twelid tal-minuri.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara li l-minuri C B mhuwiex it-tifel naturali tal-konvenut D B izda huwa t-tifel naturali ta' E F; u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoreggi l-Att tat-Twelid numru 647/1998 tal-minuri C B billi jitnehha l-isem u l-konnotati ta' D B u minflok jitnizzel l-isem tal-konvenut E F u l-konnotati tieghu.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attrici u tal-konvenut E F fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------